MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 4/2002

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**vs**

**Shannon Cauchi**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Lulju, 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tieghu tal-20 ta’ Awissu 2001.

Ra t-talba tal-appellanti ghal rikonsiderazzjoni tad-decizjoni pprezentata minn Dottor Ruth Scott li taqra hekk:-

"*Inkarigata nikkomunika mieghek mis-sinjura Shannon Cauchi ta' 182, Triq il-Kbira, Zebbug, Malta.*

*Naghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Arbitru fl-20 ta' Awissu, 2001, liema sentenza giet notifikata lill-klijenta tieghi fis-27 ta' Settembru, 2001.*

*Bil-prezenti l-klijenta tieghi qeghda titlob rikonsiderazzjoni tas-sentenza moghtija minhabba s-segwenti ragunijiet:*

*Is-sentenza moghtija hija bbazata fuq il-kredibilita` tax-xhieda moghtija mis-sinjura Cauchi u minn ohtha Vanessa Tanti. Skond l-Arbitru din il-kredibilita` giet "imxellfa serjament u l-verzjoni taghha u tal-appellanti li qabdet hames elef lira u tathom lill-appellanti ma hiex verosimili u lanqas fic-cirkostanzi kredibbli"*

*Dan intqal wara li l-Arbitru kkunsidra li, fl-opinjoni tieghu, Vanessa Tanti naqset li ssemmi xi kontijiet li kellha f'isimha.*

*Illi huwa minnu li l-imsemmija Vanessa Tanti kellha tlett kontijiet bankarji miftuha f'isimha u li l-imghax taghhom kien qed jigi depozitat fl-akkont Savings numru 444105380. Pero` l-imsemmija kontijiet inghalqu fl-1998, ossija qabel il-perjodu meritu tal-appell precitat u dan seta' gie facilment verifikat mill-istess akkont Savings stante li d-depoziti tal-imghaxijiet waqfu fl-1998.*

*Inoltre l-Arbitru sostna li "mill-istess dokumenti li fil-fatt Vanessa Tanti kemm-il darba marret il-bank sabiex tigbed il-flus mill-kont Savings taghha". Minn dawn id-dokumenti rrizulta li l-imsemmija Vanessa Tanti kwazi dejjem gibdet il-flus bis-sistema tal-ATM (Automated Teller Machine) is-servizz tal-Bank kien fit-28 ta' Jannar 1999, ossija 'l fuq minn sentejn ilu.*

*Ghalhekk fl-isforn tal-permess, il-klijenta tieghi gentilment titlob lil Arbitru sabiex jirrikunsidra d-decizjoni tieghu u jilqa' l-appell ipprezentat minnha."*

Fuq it-talba tal-Arbitru l-appellanti ipprezenta:-

"*Dok SC1 u SC2:- Statements bankarji tal-akkont numru 447092654 f'isem Vanessa Tanti mis-27 ta' Jannar, 1997 (Data tal-ftuh tal-akkont) sal-4 ta' Frar, 1998 (Data tal-gheluq tal-akkont).*

*Dok SC3 u SC4:-Statement bankarji tal-akkont numru 447104342 (u mhux kif erronjament indikat 447104942) f'isem Vanessa Tanti mill-4 t'Awwissu, 1998 (Data tal-ftuh tal-akkont) sat-8 ta' Awwissu 1998 (Data tal-gheluq tal-akkont).*

*Dok SC5 sa SC7:- Statement bankarji tal-akkont numru 447097826 f'isem Vanessa Tanti mit-2 ta' Lulju, 1997 (Data tal-ftuh tal-akkont) sat-2 ta' Lulju 1998 (Data tal-gheluq tal-akkont).*

*Dok SC8:- Dikjarazzjoni tal-HSBC Bank Malta p.l.c li l-akkont numru 447115387 infetah fit-23 ta' Frar, 1999.*

*Dok SC9 sa SC11:- Statement bankarji tal-akkont numru 447115387 f'isem Shannon Cauchi mit-23 ta' Frar, 1999 (Data tal-ftuh tal-akkont) sad-29 ta' Mejju, 2000 (Data tal-gheluq tal-akkont).*

*Dok SC12:- Log book tal-vettura Toyota IBD-683.*

*Dok SC13:- Kopja ta' zewg ircevuti ammontanti ghas-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) rapprezentanti hlas affettwat lil Browns Trading fl-4 ta' Novembru, 1998 ghax-xiri tal-vann Toyota IBD-683.*

*Dok SC14 sa SC15:- Kopja tal-iskrittura tal-bejgh tal-vettura.*

*Dok SC16:- Affidavit ta' Shannon Cauchi fejn tiddikjara kemm kellha fuq isimha flus depozitati l-bank fit-23 ta' Novembru, 1998.*"

L-Arbitru, ra l-kopja tal-imsemmija dokumenti li gew notifikati lid-Direttur li inghata l-fakulta` jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema nota ma gietx ipprezentata.

Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li effettivament huwa minnu dak sottomess mill-appellanti illi t-tlett kontijiet bankarji 447092654, 44104942 u 447097826 kienu inghalqu fis-sena 1998.

Fl-affidavit l-appellanti iddikjrat illi fit-23 ta’ Novembru 1998 hija kellha s-segwenti flejjes depozitati l-bank f’isimha:-

“*Savings A/c 444091673:* *Lm565.87c0*

*Current A/c 441008491:* *Lm205.25c0*

*Fixed Deposit A/c 447073803:* *Lm121.62c0*
*Zdeniek Cauchi*

*Fixed Deposit A/c 447106485:* *Lm121.62c0*
*Haydon Cauchi*”

Fis-sentenza tal-20 ta’ Awissu 2002 l-Arbitru hadha bhala fatt illi t-tlett kontijiet bankarji fuq imsemmija kien ghadhom miftuhin u li l-appellanti kienet naqset fix-xhieda taghha milli issemmihom. Issa rrizulta li fil-fatt dawn it-tlett kontijiet kienu inghalqu fis-sena 1998.

L-appellantiipprezentat ukoll numru ta’ ricevuti li jikkonfermaw it-tezi taghha ta’ kif hallset biex xtrat il-vettura.

L-Arbitru rega’ ezamina l-inkartament kollu ta’ dan l-appell u in vista tar-ragunijiet imsemmija aktar qabel jikkonkludi li d-decizjoni tieghu tal-20 ta’ Awissu 2001 kienet bazata fuq zball dwar xi fatt materjali.

Ghaldaqstant ai termini tal-Artikolu 110 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali l-Arbitru qed jirrevedi d-decizjoni minnu moghtija fl-20 ta’ Awissu 2001 billi jirrevokaha u konsegwentement jilqa’ dan l-appell.”

Minn din ir-rikonsiderazzjoni ta’ l-Arbitru appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjali b’dawn l-aggravji ta’ fatt:-

i. L-Arbitru ma kellux jiehu konjizzjoni tal-kontijiet bankarji ta’ oht l-appellanti Shannon Cauchi;
ii. L-Arbitru injora l-fatt li l-kont bankarju fl-ammont ta’ tmient elef raba’ mija u erbghin lira (Lm8440) mal-HSBC infetah biss fl-1999 u cjoe wara li l-imsemmija appellanti kienet applikat ghall-ghajnuna socjali.
iii. L-appellanti qatt ma pprezentat prova konkreta b’xi kitba konfermanti l-allegat arrangament bejnha u ohtha.

F’dan il-kuntest l-appellanti jissottometti illi meta nghalaq il-precitat kont bankarju l-assi kollha tieghu gew trasferiti lill-oht l-applikanta. Dan nonostante li l-istess applikanta kienet affermat illi mill-fondi fuq specifikati ohtha kellha biss hamest elef lira (Lm5000). Dippju l-istess appellanti jissottometti wkoll illi l-applikanta ma ddejqet xejn tidhol f’kapricc ta’ xiri ta’ sitt elef lira (Lm6000) karozza ftit granet biss qabel applikat ghall-ghajnuna socjali.

Mill-atti processwali jirrizulta illi l-‘iter’ tal-kaz segwa dan il-perkors:-

(a) Permezz ta’ decizjoni pronunzjata fl-20 ta’ Awissu 2001 l-Arbitru kien cahad l-appell tal-odjerna appellata fuq l-assunt illi l-ispjegazzjoni fornita minnha illi ohtha ghaddietilha Lm5000 biex tpoggihom f’isimha ma kienetx la verosimili u lanqas kredibbli;
(b) Fuq talba ghar-rikonsiderazzjoni l-Arbitru wara ri-ezami tal-provi u dokumenti ulterjuri esebiti, kompriz il-fatt illi xi kontijiet ohra bankarji inghalqu fl-1998, ikkonkluda illi d-decizjoni precedenti tieghu kienet bazata fuq zball dwar fatti materjali.

Kif taraha din il-Qorti l-qofol centrali tal-kwestjoni f’dan il-kaz kienet taggira dwar jekk l-arbitru kellux jemmen l-ispjegazzjoni bazika ta’ l-appellata illi parti mill-kont bankarju Numru 447115397 fl-ammont suddett ta’ tmint elef erba mija u erbghin lira (Lm8440) kienux flejjes appartenenti lill-oht l-appellata. Dan qed jinghad in kwantu kien ovvju illi l-appellata kienet naqset li tissodisfa in primo luogo lid-Direttur proprju fuq dan il-punt. Prova din li, kif pacifikament akkolt, d-Direttur kellu kull dritt jesigi

li tkun adegwata, serja u attendibbli ("**Charles Bonaci –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 9 ta' April 2001).

Issa huwa minnu illi di regola Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax bla bzonn l-apprezzament jew ri-ezami tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel gudikant in materja ta' provi. Ugwalment pero`, kif kostantement ricevut f'gurisprudenza pacifika, din il-Qorti kienet obbligata tissindika dan l-apprezzament u anke li tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik li jkun wasal ghalija l-ewwel gudikant jekk tkun konvinta li altrimenti tkun ser tigi kagjonata ingustizzja manifesta jew id-diskrezzjoni giet uzata hazin.

Kif jinsab ritenut "jigifieri meta fil-fehma taghha, wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha processwali, jitnisssel fiha l-konvinciment morali illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghal konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-Qorti ta' revizjoni kienet obbligata li tiddelibera s-sentenza taghha fuq dik il-bazi ta' fatt kif fil-fehma taghha tkun tirrizulta provata, anke hekk dan ifisser li jkollha fil-process tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun addotat bhala provanti l-premessi ghat-talbiet attrci" – "**Emily Stivala et –vs- George Pace**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000.

F'kazijiet ta' din ix-xorta l-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-appellata fil-kors tal-appell taghha quddiem l-Arbitru. Din il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk dan l-oneru giex dizimpenjat, kif ukoll li tassikura li l-prova kienet konvincevolment serja u mhux arkitettata b'mod li tigi aggirata l-ligi u b'hekk assikurata ghajnuna mhux misthoqqa meta l-appellata ma kienetx tikkwalifika ghaliha. Huwa veru li kull gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata" izda daqstant iehor ghandu d-dover jirrifletti serjament fuq il-provi u mhux ihalli ruhu jigi kondizzjonat minn aspetti jew provi li huma ghal kollox marginali, jekk mhux ukoll irrilevanti, jew mahsuba primarjament bhala tentattiv biex jizvijaw l-attenzjoni tal-gudikant.

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti wara debita ri-ezami tal-provi attendibbli illi d-decizjoni, ossija r-rikonsiderazzjoni ta’ l-Arbitru, kellha tkun gwidata mill-aspett, fundament tar-regola legali ta’ gudizzju, illi l-oneru tal-prova ma giex sodisfatt u li allura l-fatt allegat illi parti mis-somma bankarja, in eccess ta’ dak konsentit mill-ligi (Kap 318) kienet tappartjeni lill-oht l-appellata, ma kienx veru.

Tajjeb dejjem li jinzamm fil-perspettiva logika illi fi kwestjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi l-kriterju distintiv ma huwiex dak jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk din hijiex possibbli. Ma jidhirx ghal din il-Qorti illi tista’ taccetta bhala plawsibbli jew possibbli l-ispjegazzjoni avvanzata mill-appellata. Dan qed jinghad mhux biss ghaliex l-ebda argoment ma jista’ jikkorrobora din il-verzjoni centrali izda anke ghaliex fatti ohra wrew li din ma setghetx titqies veritiera. Dan riferibilment ghall-fatt illi s-somma kollha giet eventwalment trasferita lill-oht l-appellata meta dan suppost, dejjem skond l-istess verzjoni tal-appellata, ma kellux ikun hekk il-kaz, gjaladarba kif minnha konfessat parti mis-somma zgur li kienet taghha. Ifisser ghalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti, illi l-ispjegazzjoni tal-appellata ma hija xejn kredibbli.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tara li l-appell interpost jisthoqqlu li jigi milqugh billi ma thossx li l-appellata iddisimpenjat b’mod tassew konvincenti l-onus probandi.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni appellata tal-Arbitru. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------